# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2021**

**Rikors Numru 301/18 FDP**

Fl-ismijiet

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Vs**

**Digibet Limited**
**(OC 1090)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 18 ta' Diċembru 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi talab is-segwenti:

    *Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010 tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;*

*Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni rawiżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u li jippermetti lil Ministru responsabbli għall-Finanzi, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;*

*Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti tal-Ġermanja, ossija l-awtorita' applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat- Taxxi, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi, sabiex 1-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita' applikanti;*

*Illi l-kumpannija intimata għandha taxxa dovuta lill-awtorita' applikanti tal-Ġermanja fl-ammont ta' miljun, sitta u sittin elf, mija, disgħa u sittin Euro 37 ċenteżmi (€1,066,169.37), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A' oltre interessi skont il-liġi.*

*Illi l-kumpannija intimata hija kumpannija reġistrata ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;*

*Illi, madanakollu, l-kumpannija intimata għandha dritt għal traduzzjoni tal-istess dokumenti f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'B' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika tal-istess dokument.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9 [6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B' jiġu notifikati lill-kumpannija intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A', bħala kopja uffiċċjali tiegħu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.*

2. Rat illi fit 30 ta' Mejju 2018 saret l-affissjoni fil-Kunsill Lokali tal-Gżira u l-Għassa tal-Pulizija tal-Gżira kif ukoll fl-uffiċini tas-soċjeta' Digibet Limited ġewwa 154,

Level 1, The Strand, Gżira, u saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-22 ta' Ġunju 2018, fil-gazzetta Lokali The Malta Independent fil-25 ta' Settembru 2018 u fit-Times of Malta fis-26 ta' Settembru 2018.

3. Rat illi fit-3 ta' Ottubru 2018 is-soċjeta' intimata ppreżentat id-difiża tagħha fejn qalet is-segwenti:

   *Preliminarjament, in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tisma' dal-każ ratione materiae. Dan qed jingħad stante li hawn si tratta ta' overseas company li għandha branka hawn Malta, u si tratta wkoll ta' relazzjoni li l-istess soċjeta' barranija għandha mal-branka Maltija li kontriha qed issir dil-proċedura, liema relazzjoni hija regolata mill-Artikolu 384 et sequitur tal-Kap. 386, u b'hekk tali proċedura kellha tinġieb quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni Kummerċ.*

   *Fil-mertu il-fatt illi Digibet Limited hija soċjeta' li hija inkorporata Gibilterra u hawn Malta għanda biss "place of business", u kwindi il-proċedura kellha ssir ġewwa Gibilterra u mhux f'Malta.*

   *Illi s-soċjeta' esponenti ikkontestat it-talba tal-Awtoritajiet Tedeski u kwindi ai termini tal-Artikolu 9(4) tal-Avviz Legali 153 tal-2012 l-Awtorita' rikjesta messha rrifjutat li tassisti l-Awtorita' applikanti għall-irkupru ta' talba f'Malta.*

   *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tal-Artikolu 9(9) tal-Avviż Legali 153 tal-2012 l-Awtorita' rikjesta għandha tagħti lis-soċjeta' esponenti kull żmien permissibli bil-liġi għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont li jirriżulta dovut, kif inhu akkordat lil persuni oħra f'Malta.*

4. Rat ix-xhieda tar-rappreżentant tal-Malta Business Registry, Dr Claudette Fenech, mogħtija fl-20 ta' Ottubru 2020 u d-dokumentazzjoni minnha ppreżentata.

5. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2020 il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf illi ma kellux aktar provi.

6. Rat ix-xhieda ta' David Sullivan, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, mogħtija fil-5 ta' Mejju 2021 u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentata.

7. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2021, il-konsulent legali tas-soċjeta' intimata għarraf lill-Qorti illi s-soċjeta' stabbilita ġewwa Ġibilta', Digibet Limited, kienet ġiet "struck off".

8. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2021 il-partijiet għarrfu illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

9. Rat illi flimkien ma' rikors promotur ġew ippreżentati għaxar *Uniform Instrument Permitting Enforcement of Claims Covered by Council Directive 2010/24/EU*

differenti, lkoll b'numru ta' referenza - Referenza Nru DE_ S1316MT1800002_ 20180116_ UIPE_1 u Claim Reference 4557600123 u għal perjodi 1/1/2017 – 31/1/2017, 1/2/2017 – 28/2/2017, 1/3/2017 – 31/3/2017, 1/4/2017 – 30/4/2017, 1/5/2017 – 31/5/2017, 1/6/2017 – 30/6/2017, 1/7/2017 – 31/7/2017, 1/8/2017 – 31/8/2017, 1/9/2017 – 30/9/2017, lkoll maħruġa mill-Finanzamt Frankfurt am Main III – Verkenhressteuren (Sportwettsteuer) kontra s-soċjeta' Digibet Limited, OC 1090 bl-indirizz 154, The Strand, Level 1, Triq ix-Xatt, Gżira.

10. Rat illi jirriżulta li, a tenur tal-Memorandum and Articles of Association tas-soċjeta' intimata, (fol 92), illi s-soċjeta' Digibet Limited hija "*a company incorporated in Gibraltar and which has established a place of business in Malta*"

11. Rat illi l-Qorti ġiet infurmata li s-soċjeta' Digibet Limited ġewwa Ġibilta ġiet "*struck off*", iżda dokumentazzjoni f'dak is-sens ma ġewx ippreżentati.

12. Tosserva illi, a differenza ta' dak allegat mis-soċjeta' intimata, l-azzjoni odjerna ma hijiex waħda mill-azzjonijiet li trid tinġieb quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni Kummerċ u għalhekk dina l-Qorti, kif komposta, għandna l-kompentenza biex tisma' u tiddeċiedi l-każ odjerna.

13. Rat illi, a tenur tal-Artikolu 9 (5) tal-Avviż Legali 153 tas-sena 2012, il-Qorti hija sodisfatta illi r-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 2010/24/EU tas-16 Marzu 2010 intitolat '*Directive concerning mutual assistance for the recovery of claims relating to taxes, duties and other measures*' ġew debitament imħarsa.

14. Rat illi in vista ta' dan, din il-Qorti hi sodisfatta li ma hemm ebda raġuni għaliex t-talba tar-rikorrent ma tintlaqax u konsegwentement:

## KONKLUŻJONI

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti; u għalhekk:

**Tordna** illi '*Uniform Instrument Permitting Enforcement of Claims Covered by Council Directive 2010/24/EU* maħruġ mil- Finanzamt Frankfurt am Main III – Verkenhressteuren (Sportwettsteuer), mill-Ġermanja, Referenza Nru DE_ S1316MT1800002_ 20180116_ UIPE_1 eżebit mir-rikorrent u mmarkat bħala Dok A, liema dokument jagħmel referenza għal Claim Reference 4557600123 jiġi reġistrat u jitqies bħala titolu eżekuttiv, ai fini tal-Artikolu 9 (6) u (7) tal-Avviż Legali 153 tas-sena 2012, liema dokument ġia ġie debitament notifikat lis-soċjeta' intimata fil-mori tal-proċeduri odjerni.

**Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**